MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 474/2013/1

**Perla Hotels Limited (C 7455)**

**v.**

**Blye Engineering Co. Ltd (C 8256)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici prezentat fl-10 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu hija talbet li s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 2013 u li minnha gie intavolat appell mis-socjeta` konvenuta Blye Engineering Company Limited, tigi dikjarata provizorjament esegwibbli a tenur tal-Artikolu 266 (7) tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Dan l-artikolu jghid illi *"il-Qorti ghandha tiddikjara li s sentenza tkun esegwibbli provizzorjament jekk tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktar jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob id-dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja."*

L-appellanti naturalment qed topponi ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghha huwa li jekk jitnehha l-apparat imsemmi hija ser jkollha diffikulta` biex tipprova l-kaz taghha ghaliex hija istitwiet kontro-talba fejn qed titlob il-hlas tal-bilanc li qed tghid li huwa dovut lilha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn; is-socjeta` attrici stitwiet il-kawza biex il-Qorti tiddikjara li l-appalt (konsistenti fl-istallazzjoni ta' *air conditioning* fil-lukanda proprjeta` taghha) ma kienx esegwit skont l-arti u s-sengha u allura talbet li jew is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata taghmel dan jew alternattivament li hija tnehhi s-sistema u tirripristina l-lukanda fl-istat originali taghha; il-konvenuta da parti taghha kif gia` inghad talbet li hija tithallas il-bilanc dovut lilha skont il-kuntratt ghaliex kienet thallset biss depositu ta' tliet elef Lira Maltin (Lm3,000) sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12). Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba attrici u ordnat l-ismantellar tal-apparat a spejjez tas-socjeta` konvenuta, ordnat ir-rifuzjoni tas-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u cahdet it-talba tas-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li jekk jitnehhew l-*air conditioners* ma huwa se jkun hemm ebda pregudizzju lis-socjeta` appellanti ghaliex anke jekk l-appell taghha jigi interament milqugh, is-socjeta` attrici xorta jkollha thallas dak

ordnat mill-Qorti u li f'dan l-istadju ma hemm xejn aktar x'jigi pruvat fis-sens illi l-ezamijiet li kellhom isiru mill-persuni teknici appuntati mill-Qorti issa saru.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Yolanda Formosa v. Maggur Frank Formosa**, deciza fl-10 ta' Gunju 1964 qalet illi *"il-Qorti ma ghandha quddiemha ebda presunzjoni li s-sentenzi bhala regola ma jistghux jigu esegwiti jew xi desideratum f'dan is-sens, ghaliex sentenza tal-ewwel grad, ghalkemm mhix gudikat hija dejjem konkluzjoni tal-Qorti fuq il-kaz u tiswa aktar minn semplici argument. Kieku ma kienx hekk ma kinitx tinkiteb id-disposizzjoni inkwistjoni. Il-ligi… tghid biss li s-sentenzi li ma ghaddewx in gudikat mhumiex minnhom infushom esegwibbli u jirrikjedu dikjarazzjoni specjali biex ikunu esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar pregudizzju jekk is-sentenza ma tigix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti ghal wahda finali salv li fl-ewwel kaz l-esegwibilita` tkun provizorja u fit-tieni kaz tkun definttiva."*

Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li f'dan il-kaz, minhabba r-ragunijiet fuq espressi mis-socjeta` attrici, ghandha tilqa' t-talba taghha; li l-apparat jibqa fejn hu issa ma tantx jaghmel sens hlief li jtellef lis-socjeta` attrici fil-gestjoni tal-lukanda taghha. Naturalment jekk hija tghaddi biex tnehhi l-apparat issa ghandha taghmel dan provizorjament a spejjez taghha u taht id-direzzjoni tal-perit nominat mill-Qorti. L-argument tas-socjeta` konvenuta li dawn iservu ta'

prova f'dan l-istadju ma hux attendibbli. Hija s-socjeta` attrici li semmai riedet tipprova li l-apparat ma giex stallat tajjeb ghaliex ma hemmx kontestazzjoni li dan twahhal u allura li l-appalt gie esegwit – naturalment jekk giex esegwit sewwa huwa kontestat u dan li wassal ghal kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet premessi bhala provizorjament esegwibbli – u dan billi s-socjeta` attrici hija awtorizzata tnehhi hija stess l-apparat imsemmi fis-sentenza u provizorjament a spejjez taghha. Hija ghandha wkoll izzomm l-apparat ghandha sakemm tigi deciza definittivament il-kawza.

L-ispejjez ta' din il-procedura, peress li hu naturali ghal parti sokkombenti li topponi – altrimenti tippregudika serjament l-appell taghha - jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------